MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 320/1982/1

Concetta Sciberras f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentata ta' binha minuri Elvin Sciberras u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2006 Elvin Sciberras assuma l-atti tal-kawza relativament ghall-kwota tieghu
vs
Alfred Darmanin fil-kwalita` tieghu ta' General Manager u in rapprezentanza ta' Footwear Limited u b'digriet tal-5 ta' Ottubru 1990 gie kjamat in kawza Michael Soler ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Development Corporation u b'nota tal-31 ta' Jannar 1992 il-Professur Joseph Bannister assuma l-atti tal-kawza minflok il-kjamat in kawza Michael Soler *nomin*e u b'digriet tat-28 ta' Mejju 1997 Vincent Bonello fil-vesti tieghu ta' stralcarju tas-socjeta` Footwear Limited gie sostitwit ghal Alfred Darmanin u b'nota tas-6 ta' Gunju 1997 Malta Development Corporation assumiet l-atti tal-kawza minflok il-Professur Joseph Bannister *nomine* li ma baqax *Chairman* tal-Malta Development Corporation u b'digriet ta' l-20 ta' Jannar 2003 gie kjamat fil-kawza l-istralcarju Vincent Bonello u b'digriet ta' l-20 ta' Jannar 2003 giet

kjamata fil-kawza s-socjeta` Commercial Union Assurance Company Limited u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2003 Robert Von Brockdorff gie nominat bhala kuratur ghas-socjeta` Commercial Union Assurance Company Limited u b'digriet tal-31 ta' Awissu 2004 gie sostitwit ghal Fogg Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera Aviva plc u b'digriet tas-16 ta' Gunju 2005 giet sostitwita ghal Aviva p.l.c. u li in segwitu fit-8 ta' Gunju 2006 Atlas Insurance Ltd assumiet l-atti minflok Commercial Union Assurance Co Ltd u li wara d-digeriet tas-16 ta' Gunju 2005 Fogg Insurance Agency Limited kienet mahruga barra mill-kawza u b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2009 il-Malta Enterprise Corporation saret parti fil-kawza bl-istess mod bhal Malta Development Corporation

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attrici li biha eccepiet:

Illi fl-erbgha (4) ta' Jannar, 1982 kien hemm hruq fil-fabbrika ta' l-istess "Footwear Limited" u f'dan l-incident Joseph Sciberras, zewg l-attrici, impjegat f'dik il-fabbrika fl-Imriehel, sofra feriti ta' hruq estensiv, tant li minhabba fihom miet fl-ghaxra (10) ta' Frar, 1982;

Illi dan il-hruq kien unikament htija ta' negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess "Footwear Limited", u dana principalment minhabba nuqqas ta' prekawzjonijiet adegwati;

Illi ghalhekk il-konvenut *nomine* huwa responsabbli ghall-mewt ta' l-istess Joseph Sciberras u konsegwenti danni kagunati lill-attrici u binha minuri Elvin, uniku eredi ta' l-istess Joseph Sciberras;

L-attrici *proprio et nomine* talbet lill-Qorti:-

1. Tiddikara lill-konvenut unikament responsabbli tal-hruq li gara fil-fabbrika "Footwear Limited" li gara fl-erbgha (4) ta' Jannar, 1982;

2. Konsegwentement tikkikjara lill-konvenut responsabbli tal-feriti u mewt konsegwenzjali ta' Joseph Sciberras;

3. Tillikwida d-danni kagunati lil-attrici u binha minuri minhabba l-istess hruq, feriti u mewt ta' l-istess Joseph Sciberras, occorendo bl-operat ta' periti li jigu nominati ghal dan l-iskop;

4. Tikkundannah ihallas lill-attrici *proprio et nomine* d-danni li jigu hekk likwidati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Frar, 1982 kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attrici *proprio et nomine*.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Darmanin *nomine* li biha eccepixxa:

1. Illi d-ditta konvenuta ma hix responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi ghax l-incident ma garax bi htija taghha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati minn Alfred Darmanin *nomine*.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut kjamat in kawza Joseph Bannister ghan-nom u in rapprezentanza lil Malta Development Corporation li biha eccepixxa:

1. In linea preliminari illi l-kjamat in kawza mhuwiex il-legittimu kuntradittur f'din il-kawza stante li huwa m'ghandux *locus standi* u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kwalunkwe dritt ta' azzjoni li l-atturi jistghu jkollhom kontra l-kjamat in kawza huwa preskritt bit-terminu ta' sentejn.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-kjamat in kawza m'ghandu ebda obbligu li jaghmel tajjeb ghall-obligazzjonijiet tas-socjeta` "Footwear Limited" naxxenti mill-pretenzjonijiet tal-atturi.

4. Subordinament ghas-suesport u fil-mertu s-socjeta` "Footwear Limited" m'hijiex responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi stante li l-incident ma garax tort taghha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' eccezjonijiet tal-kjamat fil-kawza Robert von Brockdorff fil-kwalita` tieghu ta' rapprezentant tas-socjeta` estera "Commercial Union Assurance Company Limited" li biha eccepixxa:

Illi preliminarjament l-attrici ma ghandha ebda "locus standi" f'din l-istanza peress illi l-assi tas-socjeta` konvenuta inbiegh lill Malta Devlopment Corporation u din ma hijiex assikurat mis-socjeta` eccipjenti.

Illi minghajr pregudizzju tal-premess fi kwalunkwe kaz l-azzjoni attrici fil-konfront tas-socjeta` eccepjenti hija preskritta skond l-artiklu 2153 tal-Kodici Civili.

Salv eccezjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata minn Robert von Brockdorrf.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` kjamata fil-kawza, Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Aviva p.l.c.
Teccepixxi bir-rispett: -

1. Illi, in linea preliminari, is-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited mhix il-legittima kontradittrici f'dan il-kaz u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dan billi hija qatt ma kienet bl-ebda mod involuta f'dan il-kaz, u l-materja *de quo* hija llum fil-kompetenza ta' Atlas Insurance Limited.

2. Illi, wkoll in linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited mhix il-legittima kontradittrici f'dan il-kaz u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dan billi l-assi li kien originarjament assikurat mis-socjeta` konvenuta Footwear Limited mal-predecessuri tas-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited, gie minnha trasferit lill-kjamata fil-kawza Malta Development Corporation, illi ma kenitx assikurata mas-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, u fi kwalunkwe kaz, il-kawza attrici hija ta' natura personali fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Footwear Limited, jew l-istralcarju taghha, u m'hemm l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited fil-kwalita` taghha ta' successur tas-socjeta` illi kienet tassikura lis-socjeta` konvenuta Footwear Limited, stante li l-unika relazzjoni guridika krejata mill-kuntratt ta' assikurazzjoni hija wahda *ex contractu* bejn assikurat u socjeta` assikuratrici, u mhux ma terzi li jistghu isoffru jew jallegaw dannu soffert bhala rizultat ta' l-agir doluz jew negligenti ta' l-assikurat, u ghalhekk ukoll is-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici fil-konfront tas-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-mertu, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-Dritt, u dan minhabba illi s-socjeta` konvenuta Footwear Limited bl-ebda mod ma kienet tahti ghall-incident *de quo.*

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati minn Fogg Insurance Agencies Limited.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tas-16 ta' Gunju 1982 li permezz tieghu Dr. Anthony H. Farrugia gie nominat bhala perit legali.

Rat id-digriet tal-5 ta' Ottubru 1990 minhabba li fil-mori tal-kawza l-assi tal-kumpanija konvenuta nxtraw mill-Malta Development Corporation, talbu li jigi kjamat fil-kawza Michael Soler ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Development Corporation, liema talba giet milqugha.

Rat li fil-31 ta' Jannar 1992 il-Professur Joseph Bannister assuma l-atti tal-kawza minflok Michael Soler li ma kienx ghadu *chairman* tal-Malta Development Corporation.

Rat illi b'digriet tal-11 ta' Marzu 1992 l-qorti issostitwiet lil Dr. Anthony Farrugia b'Dr. Tonio Mallia bhala perit legali.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, illum Imhallef Dr. Tonio Mallia LL.D., li fih ghamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet:

" III KONSIDERAZZJONIJIET DWAR RESPONSABILITA`

17. Fil-kawza deciza minn din l-Onorabbli Qorti fl-isimijiet **Calleja vs Fino** fl-10 ta' Ottubru, 1980, gie accettat il-principju, enuncjat fil-ligi Ingliza, illi:

"*it is the employer's duty to provide a safe system of work. Any injury to which the employee has not contributed would be the sole responsibility of the employer. The fact that the system adopted had been in use for years without incident is not proof that the system is safe: the accident in question justifies this*."

Il-Qorti osservat ukoll illi "n-nozzjoni tal-'colpa' tradizzjonalment accettata fis-sistema legali taghna hija l-previdibillita`, bhala distinta mill-previzjoni li twassal ghad-'*dolo*'. Il-kondotta ta' min ikun il-kawza tad-danni tigi kwalifikata imprudenti jew negligenti, fuq il-kriterju tal-prevedibilita` *o meno* tal-event li gara bhal konsegwenza ta' dik il-kondotta."

Dawn il-principji gew accettati minn din l-istess Qorti fil-kawza **Borg vs Wells *et noe*** decisa fid-9 ta' Settembru, 1981, fejn inghad ukoll illi:
"*in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work*".

Fil-kawza, imbaghad, **Schembri vs Caruana**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Novembru, 2983, intqal ukoll illi l-*employer* jibqa' responsabbli anke jekk il-vittma ma kienx xogholu li jahdem fuq dik il-magna partikolari, jekk takun sistem tax-xoghol li kull impjegat jaghti daqqa t'id kull meta jkun hemm bzonn. Il-Qorti osservat ukoll illi "wiehed irid jikkunsidra l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kaz tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu inkarigati biex jahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol".

18. Fid-dawl ta' dawn il-principji, wiehed jinnota li hawnhekk il-hruq tal-*waste* u tat-*thinner* ma kienx ordnat mis-sid, izda jirrizulta car li s-sid kien jaf x'kienu qed jaghmlu l-haddiema, u ma ha ebda passi. Il-*waste* supposlt kellu jittiehed fil-mizbla, pero`, il-haddiema, biex forsi jehilsu l-iskarigg, iddecidew li jaharquh f'post wara l-fabbrika. Il-*Management* kien jaf b'dan, izda, forsi ghax anke ghalih kien isibha komoda biex ma jibghatx haddiema fil-mizbla, ghalaq ghajn wahda ghal dan l-agir. Mhux bizzejjed, biex tehles mir-responsabilita`, li tghid li lill-haddiema tkun ghedtilhom ma jaharqux iz-zibel wara l-fabbrika, jekk, meta dan l-agir ikompli sejjer, ma tiehux passi biex trazzan dik l-attivita` li, *del resto*, kienet kontra l-ligi. Forsi kien minhabba l-fatt li ma riedux jidhru li qed

jikkoperaw fi ksur tal-ligi li ma hadu ebda pass biex jipprotegu lill-haddiema. Il-fatt hu, pero`, li kienu jafu li xi haddiema kienu letteralment jilghabu bin-nar, it-tahlita ta' *thinner* u spirtu li kienu jqabbdu hija *highly inflammable*, u jekk il-*Management* kien jittolera dan isir, ancorche` fi kwantitajiet zghir, messu tal-anqas ipprovda tip ta' hwejjeg ghal kontra l-hruq jew mezzi ohra ta' protezzjoni.

19. Mhix skuza li qatt, qabel l-incident, ma harqu t-*thinner*, ghax la darba tipermetti lill-haddiem jehles hafif billi jahraq ir-*rubbish,* kien mistenni li xi darba jaharqu affarijiet ohra. Maz-zmien, il-haddiem jibda jiehu kunfidenza mal-periklu u huwa dmir ta' l-*employer* li jiehu passi biex jikkontrolla dik il-kunfidenza zejda, ta' min jinnota li x-xhud Carmelo Saliba spjega li mhux l-ewwel darba li harqu t-*thinner* wara l-fabbrika, ghalkemm mhux soltu ta' tankijiet kbar. Dan ix-xhud jikkontradixxi, fuq dan il-punt, dak li qal il-*General Manager* ma kienx jaf li l-haddiema kienu wkoll qed iqabbdu t-*thinner*, juri kemm verament kellhom nuqqas ta' interess fuq din l-attivita` tal-haddiema.

20. Il-haddiem, hu veru, kien jaf li qed jiehu riskju u kien jaf li kien qed jagheml xi haga li mhux suppost isir; kieku dik kienet l-ewwel darba li sar hruq il-*Management* kien ikun ezonarat, ghax s-sid ma jistax jipprovdi ghal kull agir irresponsabbli tal-haddiema tieghu. Dan il-hruq, pero`, hidher li sar *a tolerated activity* u li tahraq ir-*rubbish* u t-*thinner*, barra l-fabbrika sar parti mix-xoghol tal-haddiema. Hu ghalhekk, li f'dawn ic-cirkostanzi s-sid kellu obbligu, jintervieni u jew iwaqqaf il-prattika u jara li tieqaf, jew jassigura li l-hruq isir b'mod professjonali bl-anqas periklu ghall-haddiema, wara li, ovvjament, igib il-permessi mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti.

21. Ma jidhirx li l-mejjet ikkontribwixxa b'xi mod ghall-incident. Fil-fatt, lanqas biss kien vicin in-nar u ma kienx hu li qabbad l-istess nar. Ir-responsabilita`, talvolta, ta' persuna li qabdet in-nar ma tistax tigi diskussa f'din il-kawza ghax dik il-persuna mhix parti fil-kawza (ara "**Naudi vs Schembri**" Appell Kummercjali, 13 ta' Mejju, 1991, pero`, dik il-persuna ma kienet qed taghmel xejn barra dik

li jsir is-soltu, u jekk kien hemm xi nuqqas da parti tieghu, dan kien ukoll tort tal-*Management* li ma hax hsieb jara li dak ix-xoghol isir minn nies imharrga.

22. Il-mewt ta' Joseph Sciberras ma jirrizultax li kienet ghajr hlief konsegwenza tal-hruq li sofra minhabba l-incident li sehh fuq il-post tax-xoghol fl-4 ta' Jannar, 1982, u l-kumpanija konvenuta "Footwear Limited" ghandha, ghalhekk, tinzamm responsabbli ghall-incident. Peress illi l-Malta Development Corporation, meta bieghet il-fabbrika lil terzi, zammet il-*liabilities* ta' l-istess kumpanija, (ara verbal ta' Dr. George Cassar waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar, 1988), hija hi li ghandha tigi dikjarata responsabbli ghall-hlas tad-danni.

23. Ghar-rigward ta' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-imsemmija Malta Development Corporation, ghandu jinghad li l-Malta Development Corporation ma dahlitx fil-kawza bhala parti estranea, izda, wara li xtrat il-kumpanija "Footwear Limited", u meta ghamlet dan libset il-libsa ta' l-imsemmija kumpanija, u, ghalhekk, kompliet il-personalita` taghha, tant li zammet dan il-*claim* ta' l-attrici bhala *contingent liability* u meta saret din il-kawza, il-preskrizzjoni giet interrotta mhux biss fil-konfront tal-kumpanija konvenuta izda wkoll fil-konfront tas-successuri taghha. Ghalhekk, anke din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

## IV. LIKWIDAZZJONI DANNI

24. F'dan il-kaz jirrizulta li meta sehh l-incident, Joseph Sciberras kellu 30 sena u kellu paga ta' Lm36 fil-gimgha, b'mod li wara sitt xhur, mit-23 ta' Gunju, 1980, kellu jitla' ghal-Lm42 fil-gimgha. Fil-metodu tal-likwidazzjoni tad-danni, l-esponenti sejjer jadatta l-formula tal-*multiplier* kif spjegata fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-appell fl-ismijiet **Butler vs Heard** (22 ta' Dicembru 1967) u kif raffinata dan l-ahhar mill-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Bugeja vs Agius** deciza fis-26 ta' Lulju 1991 (ara wkoll **Galea vs** Attard, Prim'Awla, 3 ta' Marzu 1993).

25. Ghalhekk, l-esponenti jidhirlu li, mehud in konsiderazzjoni l-fattispeci kollha tal-kaz, ghandu jahdem ghal *lucrum cessans* fuq *multiplier* ta' 25 sena u fuq paga netta ta' Lm45 fil-gimgha, mehud in konsiderazzjoni l-prattika li l-pagi jizdiedu mat-trapass taz-zmien. Ghalhekk, jekk wiehed jahdem fuq dawn il-figuri (cioe`, 45 x 52 x 25) jasal ghas-somma ta' Lm58,500. Peress illi l-kawza bdiet aktar minn 10 snin ilu, mhux se jsir tnaqqis ghall-*lump sum payment,* izda, peress li l-vittma miet, mis-somma imsemmija ghandha titnaqqas 25% ghall-*personal consumption* u, ghalhekk il-kumpens ghandu jkun ta' Lm43,875. Il-ligi tghid li meta persuna tmut, il-kumpens ghandu jithallas lill-eredi u, f'dan il-kaz, l-eredi huwa t-tifel Elvin, li probabbilment ghadu minuri. L-armla, skond il-ligi tas-successjoni, ghandha biss dritt ghall-usufrutt fuq in-nofs tal-proprjeta` ta' zewgha, pero`, il-gurisprudenza lokali acettat bhala principju li l-armla ghandha dritt ukoll ghall-kumpens meta jmut zewgha (ara "**Cortis vs Baker**", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Jannar, 1977: "**Bonnici vs Felice**", deciza mill-istess Onorabbli Qorti fil-15 ta' Jannar, 1971; u "**Scerri vs Spiteri et**", deciza mill-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex). Il-principju generali accettat huwa li meta persuna thalli warajha l-armla u t-tfal, il-kumpens ghandu jinqassam kwantu ghal nofs favour l-armla u n-nofs l-iehor favur l-ulied. Ghalhekk, is-somma likwidata f'din il-kawza ghandha tinqasam fi tnejn, biex nofs tkun ta' proprjeta` assoluta ta' Elvin Sciberras, soggett, jekk ghadu minuri, ghad-dgawdija ta' ommu li ghandha tippercepixxi l-imghax sakemm dan jghalaq it-tmintax-il sena, u n-nofs l-iehor ghandu jinghata lill-attrici Concetta Sciberras. Ma gew imressqa ebda provi ghar-rigward ta' spejjes inkorsi u, ghalhekk, ma giet likwidata ebda somma bhala '*damnum emergens*'.

**V KONKLUZJONI**

26. Ghalhekk, fil-fehma ta' l-esponenti, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha, il-kumpanija "Footwear Limited" dikjarata responsabbli ghall-incident li fih miet Joseph Sciberras, id-danni likwidati fis-somma ta' Lm43,875 u l-kumpanija Malta Development Corporation,

bhala aventi kawza tal-kumpanija konvenuta, ikkundannata thallas din is-somma in linea ta' danni."

Rat li fil-11 ta' Novembru 1994 inghata digriet ta' nomina ta' periti addizzjonali fejn gew nominati Dr. Joseph Micallef Stafrace, Dr. J. Ciappara u Dr. Philip Sciberras.

Rat id-digriet tal-5 ta' Lulju 1999 li permezz tieghu Dr. Paul Gauci Maistre issostitwixxa lil Dr. Ciappara.

Rat li fl-20 ta' Jannar 2003 Dr. Philip Sciberras gie sostitwit b'Dr. Victor Borg Grech.

Rat ir-rapport tal-Periti Addizzjonali li fih issemma:

**"IV KONKLUZZJONIJIET TAL-PERITI ADDIZJONALI**

**A. RESPONSABBILTA` GHALL-INCIDENT**

34. L-ewwel perit b'mod abbli ezamina l-fatti tal-kaz fuq l-isfond tal-gurisprudenza taghna kif tirrizulta minn ghadd ta' gudikati li jefasizzaw certi punti partikulari. Dawn huma :-

i) Illi min ihaddem irid jassikura ruhu li fil-fabbrika tieghu u fuq il-lant tax-xoghol ikollu dik li fil-ligi hi ligi deskritta jew imsejjha bhala « a safe system of work »

ii) Illi min ihaddem ghandu dover specifiku li **jissorvelja** li din is-sistema tkun attwalment qed tithaddem. Mhux bid-daqqa t'ghajn kultant izda sorveljanza regolari li timplika li fejn dan ma jkunx isir hu jiehu passi fil-pront.

iii) Illi m'ghandu jkun hemm tolleranza ta' xejn fejn jidhlu abbuzi u/jew nuqqasijiet.

iv) Illi l-haddiema jridu jkunu mharrga f'xogholhom. Il-*flexibility* li hi necessarja ma tridx issir a skapitu ta' nuqqas ta' tahrig f'**kull haga** li l-haddiem jitqabbad jew ikun mistenni minnu illi jaghmel. Illi jaghti d-daqqa t'id.

v) Il-haddiem irid ikun imharreg dwar x'ghandu jaghmel meta jinqala' incident, ikollu l-mezzi mehtiega skond ic-cirkostanzi u safejn ghandu jasal hu.

vi) Illi l-obbligu ta' "prekawzjonijiet" ghandu insitu fih in-nozzjoni ta' « prevedibilta` ». Nozzjoni li wara kollox hi bazata fuqha wkoll il-htija imsejha "negligenza". Il-*culpa*. B'distinzjoni mid-*dolus.*
vii) Illi ma tistax tittiehed speci ta' "kunfidenza" ghax il-fabbrika jew il-lant tax-xoghol ma kellux incidenti.
L-esponenti jindikaw illi fis-sentenza ta' dina l-Qorti Cit. 525/02/TM Alfred Pace vs MJK Transport Ltd, deciza fid-9 ta' Gunju 2005 il-Qorti qalet li l-*employer* irid jahseb anke ghal xi aljenazzjoni tal-haddiem – incident li jkun jista' jigi evitat kieku kien hemm sistema ta' sigurta`.

35. L-operazzjoni involuta kienet deskritta hekk minn Carmelo Saliba kollega tad-*decuius*, li kien l-unika wiehed prezenti ghall-incident, kif: l-ewwel perit issunteggjaha fir-Relazzjoni:-
« Hu u Sciberras kienu qed jiehdu t-tankijiet mimlija bil-kolla u t-tinner imhallta fuq wara tal-fabbrika biex kif jaghmel is-soltu jahraqhom. Tellawhom fuq il-*forklifter*, saqu sa wara tal-fabbrika u hemm nizzluhom fl-art. It-tankijiet kienu tal-45 gallun, pero`, ma kienux mimlija sa fuq. Meta nizzluhom fl-art, Sciberras saq il-*forklifter* sa hdejn il-bieb tal-garaxx li kien xi 25 peid 'l boghod. Fil-fabbrika kien hemm kartun twil f'rombli, u kien ha romblu, qabbdu u uzah biex jghati n-nar lill-materjal ta' got-tankijiet. Meta tahom in-nar, wiehed mit-tankijiet waqa' u l-materjal imqabbad hareg minnu u mexa fid-direzzjoni ta' Sciberras. Ma jafx ghaliex wiehed mit-tankijiet inqaleb meta inqaleb it-tank. Waqt li kien miexi lejn Sciberras ma kienx bi dritt it-tank u Sciberras, ghax hu kien maqlugh 'l barra u kien ghalhekk li n-nar l-ewwel ma sab kien lil Sciberras. Hu qal li t-tankijiet ikunu maghluqa hlief ghal zewg toqob, wahda wiesgha xi erba' pulzieri u l-ohra xi pulzier jew tnejn. Meta nqaleb it-tank hass il-vampa tan-nar hierga qisha *flame-thrower*. Il-likwidu huwa *highly inflammable*. Il-vampa nar attakkat mill-ewwel lil Sciberras li ipprova johrog minnha, pero`, hwejgu kienu inqabdu. Ix-xhud ghannqu mieghu biex jipprova jitfilu n-nar. B'dan tefa l-hruq li Sciberras kellu fuq quddiem, waqt li dan beda jtajjar hwejgu minn fuqu. Meta ra li n-nar ntefa, ix-xhud mar jigri fil-fabbrika jsejjah l-ajjut.

36. Fil-fatt in-nar nghata minn Saliba b'ebda intervent minn naha tad-*decuius*.

37. Min-naha ta' Alfred Darmanin, *General Manager*, il-parti saljenti tax-xhieda tieghu kif abbilment sunteggjata mill-ewwel perit hi hekk:-
Hu spjega li fil-fabbrika kienu juzaw hafna kola u jnaddfu l-magni bit-*thinner*, wara li juzawh ipogguh f'zewg tankijiet li ghandhom apposta. It-tank idum ma jimtela. Meta t-tank jimtela, kien jitpogga f'parti t'isfel tal-fabbrika, biex imbaghad jinharaq fil-mizbla. Pero`, qal, li fil-fabbrika kien hemm tank fejn kienu jaharqu l-affarijiet. Fuq barra fejn jinharaq it-tank, ma jkunx hemm *fire extinguisher*, ghalkemm ikun hemm fuq gewwa. Lanqas ma kien hemm barmil bir-ramel. Hu qal li suppost ma kienx isir hruq fit-tank, pero`, wara dahru dan kien isir u hu kien jaf b'dan. Il-hruq kien isir biex, sakemm it-tank ma jittiehidx il-mizbla, ma jigix xi tifel u jqabbad dak li jkun hemm fit-tank. Hu ma kienx jordna li jsir dan pero`, minhabba din ir-raguni, kien jittollerah. Ma jiftakarx jekk qattx hargu ittra biex jinfumaw lill-impjegat biex ma jsirx hruq, pero`, kienu jghidulhom bil-fomm, izda kienu qishom qed jaghzqu fl-ilma. Ebda passi dixxiplinari ma ittiehdu kontra l-impjegati ghax ma kienux jafu min kien jaghmel il-hruq. Kemm ilu fil-fabbrika, dejjem jaf li darba f'xahar kienu jqabbdu t-tank; fis-sajf, specjalment, ma jsibx tarfu. Hawn il-konvenut spjega li dan qed jghidu ghar-*rubbish* tal-fabbrika, ghax it-*thinner* is-soltu, dejjem jittiehed il-mizbla u dak in-nhar li sar l-incident, kien l-ewwel darba li harqu t-*thinner* barra l-fabbrika. Wara l-fabbrika kien hemm *area* bil-hamrija fejn in-nies jitfghu l-imbarazz. Joseph Sciberras kien bniedem dixxiplinat u responsabbli u kien jaghmel dak kollu li jghidulu biex jaghmel.

38. Meta gie biex akkolla lill-*employer* bir-responsabilita` unika ghall-incident, l-ewwel perit qies hekk:-
i) il-hruq tal-*waste* u t-*thinner* ma kienx ordnat mill-*employer* li jsir fejn sar izda dan kien jaf bih u hallieh.
ii) Kieku l-hruq imsemmi sar l-ewwel darba, l-*employer* kien ikun ezentat, izda dan il-hruq "jidher li sar

*tolerated activity* u li tahraq ir-*rubbish* u t-*thinner* barra l-fabbrika sar parti mix-xoghol tal-haddiema”.

39. L-esponenti jaqblu mal-analisi li ghamel l-ewwel perit. Dak li ma kellux isir sar fil-fatt procedura u allura hawn tidhol ir-responsabilta` tal-fabbrika.

40. Dwar xi htija kontributorja da parti tad-*decuius*, l-ewwel perit esprima ruhu fin-negativ. Qal, fir-rigward tad-*decuius* :
Fil-fatt lanqas biss kien vicin in-nar u ma kienx hu li qabbad l-istess nar. Ir-responsabilita`, talvolta ta’ persuna li qabbdet in-nar ma tistax tigi diskussa f’din il-kawza ghax dik il-persuna mhix parti fil-kawza (ara **Naudi vs Schembri** Appell Kummercjali, 13 ta’ Mejju 1991) pero`, dik il-persuna ma kienet qed taghmel xejn barra dak li jsir is-soltu u jekk kien hemm xi nuqqas da parti tieghu dan kien ukoll tort tal-*Management* li ma hax hsieb jara li dak ix-xoghol isir min-nies imharrga.

41. L-esponenti ghalhekk jaqblu, bhal l-ewwel Perit li ghall-incident kellha twiegeb is-socjeta` konvenuta.

## B Il-*Locus standi* tal-Partijiet

42. Fil-kawza llum ghandna l-atturi min-naha u minn naha l-ohra hemm, apparti l-Footwear Ltd, il-Malta Development Corporation, l-istralcjarju tal-kumpanija u l-assikuraturi.

43. Fil-fehma tal-esponenti, l-ewwel Perit kien ghal kollox korrett fl-analisi tieghu meta qal li l-Malta Development Corporation **zammet fuqha** l-piz li seta’ irrizulta fil-konfront taghha mill-incident mertu tal-kawza meta l-fabbrika (li baqghet tahdem sal-1989) ghaddiet ghand terzi.

44. L-esponenti jinnotaw li l-kliem preciz ta’ Vincent Bonello kienu (a fol 130)

"Il-kumpanija MDC baqghet izzomm il-*liabilities* tal-kumpanija Footwear Ltd fosthom din il-kawza". Aktar car minn hekk ma setax ikun!
Dan hu mwettaq mill-ftehim esibit *a fol 152* fejn fil-*para* 4(a) jinghad.
"*That the Transferor assumes full responsibility and liability in respect of all claims against and all debts and liabilities due by the Company and existing prior to the 23rd April 1988*".

45. Il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tqum validament. Il-kawza ddahhlet fid-29 ta' Marzu 1982 u l-incident sehh l-4 ta' Jannar 1982 kontra Footwear Ltd. Darba li l-preskrizzjoni twaqqfet kontra din, min issuccieda lill-fabbrika issuccidiha bil-preskrizzjoni mwaqqfa. Dana jghodd eminentement kontra l-MDC li meta min-naha taghha ghaddiet l-ishma lil terz eskludiet minn dan it-trasferiment il-*liability* talvolta mnissla mill-incident mertu tal-kawza.

## C. LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

46. Meta sehh l-incident id-*decuius* kellu 30 sena. Bhala paga kellu Lm36 fil-gimgha li kellha titla' ghal Lm42 f.g. L-ewwel perit, fuq skorta ta' **Butler vs Heard** (22.12.67) "kif raffinata" minn **Bugeja vs Agius** (26.07.91) u **Galea vs Attard** (03.03.93) ikkalkola hekk:- wara li ha *multiplier* ta' 25 sena.
i) Lm45 f.g. x 52 x 25 = Lm58,500
ii) Tnaqqis ta' 25% ghal *personal consumption*, mela Lm14,625, jirriduci din is-somma ghal Lm43,875.
iii) Ebda tnaqqis minhabba l-*lump sum payment* ghax l-ewwel Rapport kien qed isir aktar minn 10 snin wara l-incident.
iv) "Il-ligi tghid li meta persuna tmut, il-kumpens ghandu jithallas lill-eredi u f'dan il-kaz l-eredi hu t-tifel Elvin". Jizdied izda "l-armla", skond il-ligi tas-successjoni, ghandha dritt biss ghall-uzufrutt fuq in-nofs tal-proprjeta` ta' zewgha pero` l-gurisprudenza lokali accettat bhala principuju li l-armla ghandha dritt ukoll ghal kumpens meta jmut zewgha".

Gew citati **Cortis vs Baker**, App 31.01.77, **Bonnici vs Felice**, App 16.01.71 u **Scerri vs Spiteri**, Qorti tal-Mag, Ghawdex, Superjuri. Hawnhekk l-esponenti jipprecizaw li din is-sentenza hi Cit. 58/1984/DM *Josephine armla ta' Wistin Xerri et vs Saviour Spiteri* dec 22.02.85. Inappellata.

v) Is-somma likwidata ghandha tinqasam 50% fuq l-attrici u 50% fuq binha, dan il-*quantum* ta' l-ahhar suggett ghat-tgawdija ta' l-imghax mill-omm matul l-eta` minuri ta' Elvin.

47. Ir-reazzjoni ta' l-esponenti ghal dak migjub fil-paragrafu precedenti hi din.

i. Dwar "*multiplier*", trattandosi ta' ragel f'sahhtu ta' 30 sena, il-firxa ta' snin ta' 25 sena (li twasslek sal-eta` ta' 55 sena) hi qasira. Wiehed ma jarax raguni ghala din m'ghandhiex tkun 30 sena. Wiehed li fl-1982 miet ta' 30 sena, kieku baqa' haj illum ghandu 56 sena. Kien ikun fadallu 4 snin ohra ghall-eta` normali ta' 61 meta wiehed jirtira – apparti l-fatt li llum it-triq hi sahansitra miftuha ghall-irtirar minn fuq ix-xoghol ta' 65 sena.

ii. Bhala paga settimanali, li jittiehdu Lm45 f.g hu baxx wisq. Medja ta' Lm60 f.g tidher iktar flokha avolja konservativa wkoll. Dan iwassalna ghal :-

Lm60 f.g. x 52 x 30 = LM93,600

iii. Kunsidrat il-fatt li din familja ta' tifel wiehed, jidher li ghall-*personal consumption* ikun floku li jitnaqqsu 30% i.e. Lm31,200 u ghalhekk il-*quantum* isir Lm62,400. Ebda tnaqqis ma jsir minhabba l-*lump sum payment*.

iv. Il-kawza ghad-*danni aquiliani* ssir mill-hajjin minhabba d-danni li jsofru huma minhabba l-mewt tad-*decuius*. Mhix semplici ezercizzju ta' eredita`. In fatti d-dritt tar-risarciment insibuh fit-taqsima tal-Kodici Civili li ghandha x'taqsam mad-danni. Dan ir-ragunament tal-Qrati taghna li wassal ghal gurisprudenza kostanti (tnehhi xi *rara avis* li pero` ma ntlaqghetx mill-Qorti ta' l-Appell) taghna li ssostni li l-armla tad-*decuius* ghand dritt ghal danni *jure proprio*.

v. L-ewwel relazzjoni mxiet fuq dan il-principju u qassmet il-*quantum* likwidat 50 :50 bejn l-armla

u binha (u bin il-mejjet). Billi t-tifel illum hu maggorenni, m’hemm ebda dritt ta’ l-omm fuqu.
Ghalhekk il-*quantum* ta’ Lm62,400 ghandu jigi percepit in kwantu ghal Lm31,200 mill-attrici Concetta Sciberras u in kwantu ghal Lm31,200 minn Elvin Sciberras.
vi. Dan il-*quantum* hu in linea ta’ *lucrum cessans* u m’hemmx danni ohra taht *damnum emergens* ghax l-atturi, kif qal l-ewwel Perit, ma ressqu xejn fir-rigward.

48. L-esponenti jzidu josservaw li apparti l-gudikati msemmija mill-ewwel perit rigwardanti l-pozizzjoni ta’ l-armla (para 46 iv *supra*) hemm almenu zewg gudikati anterjuri tal-Qorti ta’ l-Appell li jistabbilixxu d-dritt ta’ din li tagixxi f’isimha. Dawn huma **Fenech vs Galea** dec 25.05.54 (incident waqt il-kacca) u **Marianna Cini pro et noe vs Paolo Galea et** dec 27.10.58 (kaz ta’ tigrif ta’ bini taht kostruzzjoni fil-Furjana). F’dan it-tieni kaz wiehed mill-konvenuti kien eccepixxa sew li l-azzjoni kienet tikkompeti lill-eredi u kwindi ma tikkompetix lill-armla u di piu` li billi t-tfal ma gewx indikati bhala li qed jagixxi *qua* eredi ta’ missierhom il-Qorti ma setghetx takkordalhom danni spettanti lill-eredi tad-*decuius*.
Iz-zewg eccezzjonijiet gew rigettati wara li l-Qorti dahlet *funditus* fihom. Gie affermat li l-armla kellha zgur id-dritt ghal kumpens f’isimha skond id-dispostizzjoni generali tal-ligi li kulhadd hu responsabbli ghad-danni li bi htija tieghu jikkaguna lil haddiehor u l-mara ossia l-armla li bil-mewt ta’ zewgha ssofri danni patrimonjali – art 1074 u 1076 Kodici Civili illum 1031 u 1033 rispettivament – hi intitolata ghad-danni f’isimha.

49. Punt iehor hu dwar il-fatt li l-esponeti, fuq talba ta’ hatra ta’ periti addizjonali maghmula mis-socjeta` konvenuta (fol 133) issuggerew *quantum* ta’ danni oghla minn dak suggerit mill-ewwel Perit a favur tal-atturi. Dan ma joffri ebda ostaklu ghax il-periti addizjonali jezaminaw il-kaz mill-gdid u mhux semplicement jezaminaw l-ewwel rapport peritali. Dana indipendentement minn min jitlob il-hatra ta’ periti addizjonali (App Civ. Emmanuel Agius vs Mario Borg dec 22.11.95).

50. Nigu issa ghall-pozizzjoni tal-kumpanija assikuratrici, li **tinsab fil-kawza la bhala mharrka originarjament mill-atturi u anqas bhala msejjha sussegwentement minnhom.** Ic-citazzjoni hi wahda ta' danni naxxenti mill-*culpa*. Kull obbligazzjoni tal-kumpanija assikuratrici titnissel *ex contractu* u dana bis-sahha ta' ftehim bejn l-assikuratur u l-assikurat. Jista jkun differenti l-kaz ta' danni rizultanti minn incident stradali, fejn, statutorjament jopera l-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta – haga li l-esponenti qed biss isemmuha ghax mhux imsejjha jippronunzjaw ruhhom fuqu.

51. Id-domandi tal-atturi johorgu mill-kawzali tal-kawza, li jittrattaw mill-incident li kkaguna l-mewt tad-*decuius*, *sic et simpliciter*. Issa dawn il-kawzali u d-domandi ma jwasslux ghal xi kundanna, **f'dan il-gudizzju,** tal-kumpanija assikuratrici. Il-Qorti trid toqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u t-talbiet kif migjuba fic-citazzjoni (Kollez Vol XXXIV PI p.85). Mhux lecitu li kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (Kollez Vol XLVII PII p777). Ara wkoll PA/PS **Mekkanika Ltd vs Masco Security Services Ltd** dec 23.05.07 u sentenzi hemm citati. Ta min isemmi li l-Assikuratur issejjah f'din il-kawza wara' l-prezentata tal-ewwel Relazzjoni. Naturalment dan sata jsir, izda dal-fatt jitfa' dawl fuq x'riedu l-atturi u l-konvenut meta saret il-kawza u saret l-oppozizzjoni ghaliha minn Footwear Ltd.

Ghalhekk il-kumpanija assikuratrici ma tistax tigi, f'din il-kawza, kundannata thallas id-danni lill-attrici. Salv kull dritt, *si et quatenus*, tal-kumpanija konvenuta *qua* assikurata kontra l-assikuratur taghha.

## D RIEPILOGU

i) ghall-incident mertu tal-kawza kienet tahti esklusivament is-socjeta` konvenuta.

ii) il-*quantum* tad-danni ghandu jkun Lm62,400 (illum €145,353 li jigu percepiti €72,676.50 minn Concetta Sciberras u €76,676.50 minn Elvin Sciberras.

iii) danni jridu jithallsu mill-Malta Development Corporation.
iv) l-assikuratur ghandu, fil-gudizzju prezenti, jigi mehlus.’’

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-Qorti kif presjeduta taqbel mal-kwantita` kbira ta’ punti sollevati kemm mill-ewwel perit legali kif ukoll mill-periti addizzjonali li sostanzjalment jaqblu bejniethom fuq l-aspetti kollha. Infatti din il-Qorti kif presjeduta taghmel taghha l-konkluzjonijiet kollha tal-periti addizzjonali hlief ghall-*multiplier* uzat li incidentalment huwa wiehed miz-zewg punti ta’ divergenza bejn l-ewwel perit legali u l-periti addizzjonali.

F’diversi sentenzi moghtija minnha dwar *multiplier* il-Qorti peress li temmen li kemm jista’ jkun ghandu jkun hemm pre-stabbilit kriterji oggettivi ta’ dan l-aspett (naturalment ghal kull regola hemm l-eccezzjoni - izda ma tarax li ghandu jkun hemm f’dan il-kaz) kienet waslet biex ipproduciet skeda tal-*multiplier* li hija din ta’ hawn taht:

| **Eta' Vittma** | **Multiplier** Massimu |
|---|---|
| 0 - 15 | 35 |
| 16 - 20 | 33 |
| 21 - 25 | 30 |
| 26 - 30 | 27 |
| 31 - 35 | 22 |
| 36 - 40 | 18 |
| 41 - 45 | 14 |
| 46 - 50 | 11 |
| 51 - 55 | 8 |
| 56 + | 6 |

Inghad li meta sehh l-incident id-*decuius* kellu 30 sena. Skond l-iskeda hawn fuq il-massimu huwa ta’ 27 (l-ewwel perit kien qies 25 waqt li l-periti addizzjonali qiesu 30). Ghalhekk il-kalkoli jridu jigu bazati fuq *multiplier* ta’ 27.

Dwar il-punt l-iehor ta’ divergenza u cioe` l-paga settimanali, il-Qorti taqbel ma’ dik tal-periti addizzjonali u cioe` dik ta’ Lm60 fil-gimgha u mhux ta’ Lm45.

Dan ifisser li Lm60 fil-gimgha x 52 x 27 = Lm84,240

Trid titnaqqas 30% ghall-*personal consumption* u ghalhekk il-*quantum* isir Lm58,968. Ebda tnaqqis ma jsir minhabba l-*lump sum payment*. Kif imsemmi fir-rapport addizzjonali, il-*quantum* ta’ Lm58,968 ghandu jigi percepit in kwantu ghal Lm29,484 mill-attrici Concetta Sciberras u in kwantu ghal Lm29,484 minn Elvin Sciberras.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tiddikjara responsabbli ghall-hruq li gara fil-fabbrika Footwear Limited fl-4 ta’ Jannar 1982 lill-imsemmija fabbrika izda ghar-ragunijiet fuq imsemmija dawn ghandhom jithallsu mill-Malta Development Corporation, ossija Malta Enterprise Corporation.

Tillikwida d-danni fl-ammont ta’ Lm58,968 pagabbli nofs lil Concetta Sciberras u nofs lil Elvin Sciberras u cioe` kull wiehed u wahda minnhom Lm29,484, ossija €68,679.25.

Tikkundanna lill-Malta Development Corporation, ossija Malta Enterprise Corporation thallas €68,679.25 lil Elvin Sciberras u €68,679.25 lil Concetta Sciberras.

Spejjez kontra l-Malta Development Corporation, ossija Malta Enterprise Corporation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------